MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Settembru, 2012

Numru. 891/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlos Cordina**
**Spettur Sylvana Briffa**

**vs**
**Jesmond Aquilina**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jesmond Aquilina, 41 sena, bin Joseph u Jane xebba Decelis, imwieled Pieta’ fit-2 ta’ Marzu, 1971, residenti 30, Triq San Rokku, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 0109071(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F’Bormla, nhar il-31 t’Awwissu, 2012, ghal habta tal-11.00 ta’ fil-ghaxija, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti eletronici, liema serq ma’ jeccediex l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (2329.37c) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-

hin, u bil-lok li sar ghad-detriment ta’ Elizabeth Helal detentrici ta’ karta ta’ identita’: 0134481M;
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lilll-imputat bhala recediv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b’sentenzi ta’ reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-3 ta’ Settembru, 2012 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv u kkunsidrat il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet. Ikkundsidrat inoltre l-fatt li l-Prosekuzzjoni nformat lill-Qorti

li t-tieni (2) akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269(g), 270, 279, 49, 50 u 31 tal-Kodici Kriminali, ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammess u tikkundannah tmintax-il xahar (18) prigunerija. Stante li t-tieni (2) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-problema kontra l-abbuz mid-droga u sabiex jinghata l-kura psikjatrika mehtiega.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------